10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 14**

**9 ta' Diċembru 2024**

Il-laqgħa numru 14 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar id-9 ta' Diċembru 2024 fil-17.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sur Darren Grech

Is-Sa Roberta Sultana

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sur Joe Vella

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela — Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

**1 Qari tal-ittri t'apoloġija**

F'din il-laqgħa kien hemm ittra ta' apoloġija waħda tas-Sur Joe Vella li jinsab xogħol.

**2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

2.1 Korrezzjonijiet

Punt 6: Karl talab ukoll li kif tissolva l-problema il-bandli jinħasel

Punt 7: Karl ippropona li ssir laqgħa pubblika u mhux is-sindku kif indikat

Il-Minuti ġew approvati b'dawn it-tibdiliet imsemmija

**Punti li tqajjmu mill-minuti**

Is-Sindku spjega li fuq item

3.1 L-irħas offerta ġie mitlub li juri li għandu VAT receipt book. Kif dan iseħħ jinħareġ il-kuntratt.

3.2 Ix-Xogħol kien sar

3.5 Il-Fuljett kien tqassam

3.6 Dan kien ser jsir f'St Elias Collage

3.8 Sports Day ser issir it-28 ta' Diċembru

3.9 Is-Sindku issuġerixxa li ssir laqgħa mal-Bord tal-Ġieħ u l-Mertu Santa Venera sabiex jiġu diskussi l-guidelines

Hawnhekk daħlu l-kunsilliera Silvio Vella u Stephen Sultana

3.11 Is-Sindku spjega li kien ser jiltaqa' ma' Dar Ħanin Sammaritan f'Jannar

5.2 Qed isiru taħdidiet sabiex issir laqgħa ma' TM fil-ħin tal-laqgħa

5.4 Ser tintbagħat email għal aktar diskussjonjijet f'Jannar

5.13 Il-contracts manager kien infurmat u kien ser jiltaqa' mar-residenti sabiex jifhem aħjar il-problema

**3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 427. 428A u 428B u petty cash**

L-Iskeda tal-pagamenti 427, 428A u 428B flimkien mal-petty cash kienu approvati unanimament.

Proponent: Silvio Vella

Sekondant: Darren Grech

**4 Komunijazzjoni mis-Sindku**

**4.1** Is-Sindku spjega li kellu talba minn għand il-Każin tal-futboll sabiex il-Kunsill jixtri 5 pots sabiex jitpoġġew barra fuq il-bankina. Kulħadd qabel ma dan. Karl Carbott żied li importanti li jitpoġġew b'mod li ma jostakolawx il-bankina.

**4.2** Is-Sindku spjega li Cassar Petrol station inħareġ permess ġdid għal bay ġdida tal-car wash. Il-Kunsill ma' kienx infurmat b'dan mingħand il-PA. Is-Sindku tkellem mal-perit u l-avukat u qed jissuġġerixxi li ssir laqgħa pubblika sabiex ir-resident

jiġi infurmat b'dak li jista' jagħmel. Bħala kunsill jista' biss jassisti lir-residenti. Il-Kunsill jista' joffri ukoll li jħallas għal ispejjeż tal-avukat/perit pero dan ma' jistax ikunu dawk li joffru servizz lil-kunsill minħabba konflitt ta' interess. Fuq dan kien hemm qbil li l-kunsill iħallas l-ispejjeż tal-avukat. Ġie maqbul ukoll li għal laqgħa pubblika jkunu mistiedna residenti, l-avukat, kunsilliera, u l- pulizija. Fuq dan ukoll kien hemm qbil

4.3 Is-Sindku issuġġerixxa li l-kunsill jixtri xirja għal familja fil-bżonn ta' Euro 50 li kienet ser tingħata lil Fondazzjoni Wirt Vendriż sabiex titqassam. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

4.4 Is-Sindku spjega li l-kunsill irċieva proposta għal Graziella Fenech Tournament sabiex jidħol f'kollaborazzjoni ma' Santa Venera Lightnings għal dan it-tournament. Il-Kunsill qabel li jsiru trophees, Shields u xi tokens għal dan l-avveniment.

4.5 Is-Sindku informa li talba għal fondi għal iskema SPI/SCI/04/2024 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali ġiet aċċettata u tikkwalifika għall-ammont ta' **€29,881.75** (disgħa u għoxrin elf, tmien mija u wieħed u tmenin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu) VAT inkluż. Il-Kunsill Lokali ser jingħata 60% (sittin fil-mija) tas-somma msemmiha hawn fuq bil-quddiem, u l-bilanċ jingħata kif jiġi finalizzat il-proġett propost.

4.6 Il-Kunsill irċieva ilmenti sabiex jerġgħu jitwaħħlu l-crash barriers fejn ir-roundabout ta' Fleur De Lys. Dan wara l-inċident li kien hemm ftit tal-ġranet ilu. Stephen Sultana innota li diġa kien hemm crashbarriers imma kienu inqalgħu minn TM. Karl Carabott innota li din issue ta' safety u għaldaqstant l-kunsill kellu jiltaqgħa ma Sur Block għal aktar diskussjonijiet inkluz il-muzew.

4.7 Is-Sindku informa li bħal kull sena is-Sa Lydia Abela kienet qed torganiżża l-inizzjattiva Rigal B'Imħabba. Il-Kunsill qabel li anke din is-sena jkun parteċipi f'din l-inizjattiva.

4.8 Is-Sindku qal li peress li fir-Razzett beda xogħol, iridu jaraw xser isir bl-affarijiet ta' ġo fih. Wasteserv offrew 2 soluzjonijiet – l-ewwel waħda l-affarijiet

jiċċaqalqu minn fejn qegħdin u jittieħdu ġo store tal-kuntrattur li jinsab il-Mellieħa, jew inkella jiċċaqalqu bil-mod minn kamra għal oħra. L-affarijiet kienu diġa innumerati minn Heritage Malta. Il-Kunsill qabel li jittieħdu gol-istore tal-kuntrattur fil-Mellieħa u jinfetħu diskussjonijiet sabiex kif jitlesta x-xogħol isir tip ta muzew madwar il-kmamar li jesibixxu l-affarijiet. Jistgħu isiru ukoll xi vetrini mas-sienja sabiex jeżebixxu l-affarijiet. L-ikbar problema ser tkun is-sodda u l-gwardarobba.

## 5 Notifika Pubblika – Triq Kanonku Bonnici, Triq Abela u Triq Ċensu Buġeja

Is-Sindku qal li l-Kunsill lokali sar jaf b'din in-Notifika Pubblika mingħand Karl Carabott li ra fuq il-gazzetta. Din hi notifika tal-art sabiex ta' min hi din l-art jitkellem mal-PA. Karl spjega ukoll li skond in-notifika, kienu ser jitneħħew il-parkeġġi u jsir re-alignmnet tal-bankina. Is-Sindku spjega li l-perit qal li l-Kunsill jista' joġġezzjona meta jkun hemm pubblikazzjoni tal-permess. Karl kompla jgħid li l-Kunsill jista' jsaqsi għal esprapropjazzjoni tat-triq għax ħa jintilef il-parkeġġ kollu. Għalhekk il-kunsill qabel li tintbagħat email lil-land sabiex jiġi diskuss din l-espraproprjazzjoni tal-art.

## 6 Skema tal-għaqdiet

Is-Sindku qed jipproponi li l-kunsill joħroġ skema ta' 20K għal għaqdiet lokali sabiex dawn jorganizzaw attività għal ġid tal-komunità. Dawn l-attivitajiet huma oltre dawk li jsiru għal festa u servizzi li joffri l-kunsill bħal wardens u fire engine għal festa mhux inklużi f'din l-iskema. Attivitajiet li jsiru fil-Ġimgħa tal-Festa mhux inklużi f'din l-iskema. Is-Sindku żid ukoll li l-attività tal-Halloween mhux inkluża f'din l-iskema għax din hi attività tal-Kunsill li ssir flimkien mal-iscouts.

Għalhekk għandom isiru guidelines sabiex din l-iskema tinħareġ.

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-18.32hrs  u laqgħa li jmiss ser issir fit-13 ta' Diċembru fil-1700 fil-binja tal-Kunsill lokali f'Santa Venera.

Iffirmat

Gianluca Falzon

Sindku

Iffirmat

Tiffany Abela

Segretarju Eżekuttiv